# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 491/2018 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**DM**

**U**

**MG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' DM u MG, datat 2 ta' Novembru 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija wiehed u disghin (1991) (hekk kif jixhed ic-certifikat taz-zwieg mal-prezenti anness u immarkat* ***Dok A****) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, DG imwieled nhar X, illum maggorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom fattwalment separati minn xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin u jghixu hajjiet totalment separati minn xulxin. Inoltre huma ilhom legalment separati minn xulxin mis-sitta (6) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tmintax (2018) meta sseparaw permezz ta' kuntratt min-Nutar Dottor Patricia Vella Haber (kopja ta' liema tinsab mal-prezenti annessa u immarka* ***Dok B****).*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra iffurmaw rabtiet ma' persuni ohra.*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut la bejn il-partijiet u lanqas versu binhom stante illi llum huwa maggorenni.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-Divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-avukati difensuri ma kellhomx trattazzjoni ulterju x'jaghmlu;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DM** xehdet a fol 10 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-6 ta' Settembru 1991 u kien ottjenew separazzjoni legali 6 ta' Gunju 2018, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali – vide Dok B a fol 14. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, li llum il-gurnata huwa maggorenni. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa mit-18 ta' Frar 2011, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MG** xehed a fol 12 *et seqq* u kkonferma ix-xhieda moghtija minn DM.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
***[...]***

Il-Qorti tqis illi wara iz-zwieg taghhom nhar is-6 ta' Settembru, 1999 (vide Dok A a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Gunju 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok B a fol 4), u ilhom jghixu separatament sa mit-18 ta' Frar 2011.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**